**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU ERBGHA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla Itaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar L-Erbgha 21 ta' Marzu, 2007 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 33
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Tenders Sweeping, Bulky Refuse, Soft Areas
4. Laqgha Pubblika
5. Quotations Triq il-Habs l-Antik
6. Sinjali ta' Traffiku Triq iz-Zewg Mini
7. Performance Bonus

**34 (1) Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 33**

Il-minuti gew mehuda bhala moqrija billi dawn tqassmu lil kunsilliera minn qabel il-laqgha tal-Kunsill.

34 (1) 1 Korrezzjonijiet

Pagna 7 Minuta 33 (2) 13 Korrispondenza

Ittra nru. 04/0292/07/I. Zdied dan li gej: 'Il-Kunsill iddecieda li jikteb lil tal-Protezzjoni Civili u lil tas-Sanita'.'

Pagna 8 Minuta 33 (9) Programm Temporanju ghal Jum l-Isla.

Jithassru il-kliem 'dan il-perjodu bl-ammont ta' bejn Lm800 u Lm1000.' u jitpogga il-kliem 'Jum l-Isla'.

34 (1) 2 Addenda

Tizdied pagna 10 bil-korrispondenza nru. 04/0420/07/I, 04/0456/07/I, 04/0459/07/I, 04/0460/07/I li bi svista thalliet barra.

34 (1) 3 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mil-Vici Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il- minuti nem com kif gew emendati.

**34 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha**

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-laqghat u il-hidma li wettaq dan il-Kunsill mill-ahhar laqgha ta' l-istess Kunsill.

34 (2) 1 **L-Arlogg tat-Tarzna** 8 ta' Marzu 2007

Fil-laqgha li is-Sindku kellhu ma' l-Arcipriet, is-Sindku gie assigurat li huma qatt ma inghataw u wisq inqas kellhom ic-cwievet li jaghtu ghall-arlogg. Mis-St. Michael's Press m'hemmx access ghall-arlogg minn gewwa.

34 (2) 2 **Attivitajiet ghall-anzjani u familji** 8 ta' Marzu 2007

F'din il-laqgha is-Sindku offra lill-Arcipriet biex ghat-tifkira ta' Jum l-Isla jaghmlu coffee morning flimkien. Il-Kunsill bi hsiebu jaghti tifkira lil min jattendi. Sa issa il-Kunsill ghadu ma inghatax risposta.

34 (2) 3 **Avvizi tal-Kunsill mill-Parocca** 8 ta' Marzu 2007

Fl-istess laqgha li kellu ma l-Arcipriet, is-Sindku wera il-preokkupazzjoni tieghu li l-avvizi tal-Kunsill fejn jidhlu attivitajiet socjali, kulturali u edukattivi ma jixxandrux fil-Knisja

minn fuq l-ambone fil-hdud u il-festi. F'lokalitajiet ohra dan isir u ma jsibu l-ebda oggezzjoni. Is-Sindku stqarr ma l-Arcipriet li jekk huwa struzzjonat mil-Kurja hu lest li jiltaqa' mal-Kurja halli jsir maghruf ghala qed issir din id-diskriminazzjoni. L-Arcipriet wieghed li sejjer jerga jivverifika dwar dan mal-Kurja. Is-Sindku hu lest li jsemmi din id-diffikulta' lill-Arcisqof fl-ewwel okkazjoni li jkollu.

34 (2) 4 **<u>Arlogg tat-Tarzna – Perit Joanne Frendo</u>** 9 ta' Marzu 2007

Dwar din il-kwestjoni ta' tiswijiet fl-Arlogg tat-tarzna is-Sindku tkellem mal-Perit Joanne Frendo li hija mqabbda fuq dan ix-xoghol minn naha tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera.

Il-Perit Frendo kienet infurmata mic-Chairman tal-Malta Shipbuilding li ic-cwievet kienu ghaddewhom lil Arcipriet u li minn dak in-nhar ma kienx responsabbli aktar ghal dak il-bini.

Il-Perit Frendo tinsab mhawwda ghax jidher li il-bieb, l-uniku access ghal dan l-arlogg huwa imblukkat minn gewwa.

Ghanda ssir laqgha bejn il-partijiet ikkoncernati biex tittiehed decizjoni dwar x'hemm bzonn isir biex dan l-arlogg jigi msewwi.

Ghanda tintbaghat ittra lill-Lands Department dwar dak li stqarrew ic-Chairman tad-Drydocks u l-Arcipriet.

34 (2) 5 **<u>Progett RDF Housing</u>** 14 ta' Marzu 2007

Saret laqgha ma Donna Micallef mill-ERDF dwar progetti li hemm proposti li jsiru fl-Isla u f'lokalitajiet ohra b'fondi migjuba mill-Unjoni Ewropea.

F'din il-laqgha is-Sindku iddiskuta il-proposti li baghat dwar upgrading tax-Xatt, l-Arzella , il-Pjazza ta' quddiem Gnien il-Gardjola, il-bitha ta' taht l-Arlogg.

Is-sinjura Micallef informat lis-Sindku li biex dawn ix-xogholijiet jkunu jistghu jigu prezentati mal-proposti l-ohra ta' lokalitajiet ohra jehtieg li il-Kunsill joghtjeni il-permess tal-MEPA.

Is-Sindku wera il-preokkupazzjoni tieghu li dan ma setax isir mill-Kunsill minhabba li biex taghmel stima u permessi trid il-fondi u il-Kunsill zgur li m'ghandux fondi.

34 (2) 5.1 Wara dan it-taghrif il-Kunsillier Charmaine Gerada talbet biex taghmel mistoqsija.

Is-Sindku oggezzjona ghal dan minhabba li f'dan il-waqt ma jistghux isiru mistoqsijiet. Il-Kunsillier Charmaine Gerada

oggezzjonat ghal dan u talbet li skond l-ordnijiet permanenti skeda sitta tal-ligi tal-Kunsill Lokali, hija setghet issaqsi fuq dak li qed jigi komunikat.

34 (2) 5.2 Wara li giet moqrija klawsola nru 5 sitt skeda. Il-Kunsillier Charmaine Gerada thalliet taghmel il-mistoqsija li kienet tghid ' Jekk sarx estimi dwar dawn l-erba' progetti msemmija.

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li ma sarux estimi minhabba li dawn jqumu il-flus li il-Kunsill f'dan l-istadju ma ghandux.

34 (2) 5.3 Ghal dan il-Kunsillier Charmaine Gerada resqet mozzjoni ad hoc li kienet tghid li Il-Kunsill ghandu jaghmel stimi ta' dak li hemm bzonn fix-xatt u l-erba' postijiet ohra imsemmija. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Vici Sindku Walter Ahar li qed jaghmel dan basta dak li jitlob il-Kunsill ma jaqax f'widnejn torox.

34 (2) 5.4 Wara diskussjoni il-Kunsill approva din il-mozzjoni bi tlett voti favur (il-Kunsilliera Charmaine Gerada, Louis Henwood u Walter Ahar) u zewg astensjonijiet (is-Sindku Joseph Casha u il-Kunsillier Reno Chircop)

Is-Sindku informa lill-Kunsill li sejjer iressaq din il-mozzjoni ghad-diskussjoni fil-kumitat tal-finanzi.

34 (2) 5.5 Ghaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni li kienet tghid 'Biex issir laqgha urgenti ma l-ERDF fil-prezenza tal-Kunsill qabel ma din titressaq ghal approvazzjoni tal-kumitat tal-finanzi.

Din il-mozzjoni giet issekondata mis-Sindku Joseph Casha. Din il-mozzjoni giet approvata b'erba voti favur(is-Sindku Joseph Casha, il-Vici Sindku Walter Ahar u il-Kunsilliera Louis Henwood u Reno Chircop) u vot kontra (Il-Kunsillier Charmaine Gerada). Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li ga la darba il-Kunsill diga ha id-decizjoni tieghu m'hemmx ghalfejn l-approvazzjoni tal-kumitat tal-finanzi ghax il-Kunsill huwa suprem.

34 (2) 6 **<u>Zjara fl-Isla minn Membri tal-Logos II</u>** 15/19 ta' Marzu 2007

Fuq talba taghhom membri li qed iservu fuq il-vapur Logos II – il-vapur tal-kotba, ghamlu zjara ta' nofs ta' nhar fl-Isla fejn gew imdawwra mis-Sindku Joseph Casha u mis-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit. Wara saret bibita zghira u inghataw tifkira tal-Kunsill. Dawn kienu madwar hmistax-il persuna f'zewg okkazjonijiet separati.

34 (2)7 Korrispondenza Mibghuta u Rcevuta bejn is-7 ta' Marzu 2007 u il-21 ta' Marzu 2007

| | |
|---|---|
| **04/0499/07/I** | Stqarrija ghall-Istampa No.12/20078 AKL<br><br>AKL tinbarka fuq kampanja favur l-ugwaljanza shiha u effetiva bejn irgiel u nisa' |
| | |
| **04/0500/07/I** | Stqarrija ghall-Istampa – Kunsill Lokali San Gwann<br><br>Kundanna dwar theddid li sar fuq il-Vici Sindku minn residenti ta' San Gwann. |
| | |
| **04/0502/07/I** | Proposta ta' dawl gdid fi Triq San Guzepp<br><br>Il-proposta tal-Kunsill giet evaluata u approvata. Il-lampa W030 sejjra tigi spuntata kif muri fis-site plan. |
| | |
| **04/0506/07/I** | Gbir ta' skart fil-Kantuniera<br><br>Il-Kunsill sejjer jiehu passi ghal dan l-ilment dwar skart li qed jithalla quddiem il-hanut tal-grocer 'Old Store'. |
| | |
| **04/0519/07/I** | Xoghol ta' konservazzjoni fl-Isla<br><br>Is-Sinjura Ninette Sammut, specjalista fuq il-konservazzjoni u restawr, baghtet il-hsibijiet u il-kummenti taghha dwar l-arzella u in-nicca tal-Portu Salvu. |
| | |
| **04/0533/07/I** | Bye-Law Kontroll tal-Hamiem (41/1/2007)<br><br>Giet ippubblikata il-Bye-Law tal-Kunsill Lokal Hamrun dwar il-kontroll tal-hamiem. Is-Sindku Joseph Casha talab li ssir kopja ta' din il-bye-law. |
| | |
| **04/0538/07/I** | Missing Profile – Anna Lindh Foundation<br><br>It-taghrif li kien nieqes ntbaghat kif mitlub. |
| | |
| **04/0547/07/I** | Memo 7 u 8 ta' l-2007 Dipartiment Gvern Lokali.<br><br>Id-Dipartiment ghal Gvern Lokali ghadda taghrif dwar indirizzi godda ta' e-mails u biex b'effett mill-1 ta' April 2007 ilmenti u hlasijiet u hlas ta' pagamenti tal-Kunsill jintbaghtu b'e-mail. |
| **04/0556/07/I** | Coffee Morning Senglea Athletic Youth Nursery 29 ta' Marzu 2007<br><br>Il-Kunsill approva it-talba taghhom biex jorganizzaw coffee morning fis-sala tal-Kunsill. |
| | |

| | |
|---|---|
| **04/0558/07/I** | <u>Programm ta' Attivitajiet fil-Parocca</u><br><br>L-Arcipriet baghat programm ta' attivitajiet li sejrin isiru fil-parrocca fi zmien ir-Randan u l-Ghid. |
| | |
| **04/0573/07/I** | Dipartiment ghal Gvern Lokali baghat din il-memo ghall-attenzjoni tal-Kunsill.<br><br><u>Mistoqsija Parlamentari nru 24386 Memo 10/07</u><br><br>Il-Kunsill wiegeb din il-mistoqsija dwar is-Sindki u il-Kunsilliera li servew fil-Kunsill. |
| | |
| **04/0574/07/I** | <u>Focus Group – EU Programme Equal</u><br><br>Id-Dipartiment ghal Gvern Lokali qed jitlob biex il-Kunsill jinnomina tnejn minn nies mill-lokal biex jaghmlu parti minn dan il-focus group ghal ugwaljanza u ghal opportunitajiet indaqs. Il-Kunsill lest li joffri is-sala ghas-servizz ta' dan il-focus group. |
| | |
| **04/0576/07/07/I** | <u>DCC Agenda 26 ta' Marzu – Ground tal-Football</u><br><br>Il-MEPA infurmat lil Kunsill li it-talba tal-Kunsill giet rikonsidrata biex jinghata il-permess. |
| | |
| **04/0577/07/I** | <u>Qualicities Project Check List</u><br><br>Dan it-taghrif intbaghat bhala preparazzjoni ghall-audit li ghandu jsir f'Malta fix-xhur li gejjin. |
| | |
| **04/0580/07/I** | <u>Ittra Sur Frans Bugeja</u><br><br>Il-Kunsill ha nota ta' dak li qal is-sur Frans Bugeja u ghalhekk iccara li is-sur Frans Bugeja kien qed jikteb fil-pozizzjoni tieghu ta' Segretarju Lokali tal-PN fl-Isla. |
| | |
| **04/0590/07/I** | <u>CRC Bollards mhux uzati</u><br><br>Is-Sur Ray Bondin talab lura il-bollards li inghataw lil Kunsill u ma ntuzawx ghalkemm kienu dawk li talab il-Kunsill. |
| | |
| **04/0591/07/I** | <u>Nicca Sant' Anna</u><br><br>Is-Sur Ray Bondin ma kienx infurmat li ix-xoghol ta' dawl propost u diga mhallas ghadu ma twettaqx. |
| | |
| **04/0603/07/I** | Sa jsir seminar fis-26 ta' Marzu dwar il-bidla ghall-ewro fuq livell ta' Gvern Lokali fil-Westin Dragunara fis-6.00pm. Kunsilliera u staff huma mistiedna mill-5.30pm sas-7.30pm. |

| | |
|---|---|
| **04/0606/07/I** | Marisa mill-Access qieghda titlob laqgha mas-Sindki tal-Kottonera dwar l-inkluzjoni socjali biex isir ezercizzju ta' Peer Review f'Malta f'qasam li jikkoncerna servizzi ghat-tfal u familji. |
| | |
| **04/0573/07/I** | Konferenza Epoc f'Malta 31 ta' Mejju – 1 ta' Gunju 2007<br><br>L-ufficcju ta' Joseph Muscat MEP informa lil Kunsill bil-konferenza dwar ir-Regjun ta' New Epoc li sejjer isir f'Malta bl-intervent tieghu.<br><br>Infatti il-Kunsill ta' Bormla u ta' l-Isla sejrin ikunu parti mill-organizzazjoni ghal din il-konferenza ewropeja.<br><br>Ghanda issir laqgha mas-sur Kiersten Seidel (mill-Epoc). Gew mistiedna is-Sindku ta' l-Isla u is-Sindku ta' Bormla fliemkien mas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Isla. |
| | |
| | Korrezzjoni tal-Minuti tal-laqgha CRC li saret fl-14/03/2007<br><br>Is-Sindku ipprezenta kopja ta' punti ta' korrezzjoni ghal minuti tal-laqgha tas-CRC li nzammet fl-14 ta' Marzu 2007 (kopja mehmuza) |

**34 (3) Tenders (SCS 04) (BR 04) (PKG 04)**

Il-Kunsill kellhu tlett kuntratti ghad-diskussjoni. Dawn kienu :

1. Kuntratt ta' knis ta' toroq (SCS 04)
2. Kuntratt ta' zamma tal-gonna (PKG 04)
3. Gbir ta' skart goff (BR 04)

(3) 1 Kuntratt SCS 04

Ghal dan il-kuntratt kien hemm hames offerti (kopja mehmuza). Wara diskussjoni fuq l-offerti kollha, fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem com l-offerta ta' Alfred Azzopardi li tammonta ghal Lm7,950 fis-sena. Fl-opinjoni tal-Kunsill din kienet l-ahjar offerta bhala value for money.

(3) 2 Kuntratt ghaz-zamma tal-gonna PKG 04

Ghal dan il-kuntratt kien hemm tlett offerti (kopja mehmuza). Is-Sindku Joseph Casha skuza ruhu minhabba kunflitt ta' interess u hareg mill-laqgha. Wara diskussjoni fuq l-offerti mitfugha, il-Kunsill approva l-offerta tas-sur Louis Abel aghas-somma ta' Lm2,200 fis-sena. Dan sar fuq proposta tal-Kunsillier Louis

Henwood, issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar. Il-votazzjoni kienet 3 favur u 1 astenzjoni. Il-Kunsillier Charmaine Gerada astjeniet mil-vot minhabba li is-sur Louis Abela hu qarib mill-boghod tal-familjari taghha minn naha tar-ragel.

(3) 3 Kuntratt ta' Skart Goff BR 04

Ghal dan il-kuntratt il-Kunsill rcieva tlett offerti (listi mehmuza). Wara diskussjoni fuq it-tlett offerti il-Kunsill approva nem com l-offerta ta' Alfred Azzopardi ghal ammont ta' Lm1.25 kull tlett items. Dan kien propost mill-kunsillier Louis Henwood u issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop.

**34 (4) Laqgha Pubblika Annwali**

Fuq proposta tal-vici Sindku Walter Ahar issekondat mill-kunsillier Louis Henwood, approvaw biex il-laqgha pubblika annwali issir nhar l-20 ta' April 2007 fil-Kazin tal-Banda La Vincitrice.

**34 (5) Xoghol ta' tisbieh fil-play area Triq il-Habs l-Antik**

Kif diga hemm mistqarr fil-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet dan ix-xoghol sejjer jigi iffinanzjat mill-Ministeru ta' manutenzjoni u tiswijiet ta' djar u solidarjeta' mal-familja. Il-Kunsill sejjer iwettaq hu dan ix-xoghol u wara jigi rifundjat bl-ispejjez li jkunu saru. L-istima li saret mill-Perit tal-Kunsill tammonta ghas-somma ta' Lm1,645.16 (kopja mehmuza).

Il-Kunsill qabel li jitlob tlett stimi skond il-proceduri finanzjarji. Ghandha titwahhal tabella biex turi li dan ix-xoghol qed isir mill-Ministeru b'kollaborazzjoni tal-Kunsill ta' l-Isla.

**34 (6) Sinjali tat-traffiku fi Triq iz-Zewg Mini.**

Sar qbil li dawn is-sinjali tat-traffiku (road marking) f'din it-triq isiru kif kienu qabel hekk kif propost mill-Kunsillier Louis Henwood u issekondat mill-Vici Sindku Walter Ahar.

Il-Kunsill lest li jaghmel glue strips u ramp tal-lastiku minhabba l-ispeed f'din it-triq (madwar tlieta).

**34 (7) Performance Bonus ta' l-istaff**

Wara diskussjoni tal-Kunsill u mhux fil-prezenza tas-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill qabel li japprova in full il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv (10%) u ta' 6% lill-iskrivana tal-Kunsill.

Fil-kaz tas-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsill iddecieda li il-bonus ta' 10% jinghata in full pro rata ta' zmien li is-Segretarju Ezekuttiv hadem matul is-sena, jigifieri jitnaqqas dak iz-zmien li is-Segretarju Ezekuttiv ghamel rikoverat l-isptar u sakemm dahal lura ix-xoghol.

Filwaqt li is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lill-Kunsill talli approva in full (10%) il-Performance Bonus tieghu, oggezzjona bil-qawwa kollha li minn dan il-bonus jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel l-isptar. Huwa wera id-dispjacir tieghu u informa lill-Kunsill li sejjer jappella ghad-decizjoni ghal parti fejn il-Kunsill inaqqas mill-Performance Bonus ghaz-zmien li ghamel l-isptar. Fl-opinjoni tieghu din hija decizjoni arbitrarja, infondata, l-aktar zbaljata u tmur kontra il-kundizzjonijiet tax-xoghol kif espressi fis-CERD.

Il-laqgha ntemmet fid-9.04pm.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

______________________________

______________________________

______________________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |